MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru. 998/2003

Il-Pulizija
Spettur Yvette Farrugia
vs
Raymond Mangion

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

(1) fil-25 ta' Settembru, 2003 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, gewwa Trqi Gwann Mamo li tinsab gewwa Hal-Luqa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghad-detriment ta' Carmen Mangion, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin;
(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt u cioe' ghamel tentattiv biex jikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-mara tieghu Carmen Mangion;

(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAF 248 tat-tip Fiat 126 Bis bi speed eccessiv u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi u d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti li fl-1 ta’ Ottubru, 2003 il-pulizija gew provduti bil-kwerela minghand certa Carmen Mangion li talbet lill-pulizija tiehu azzjoni kriminali kontra zewgha l-imputat fuq imsemmi ghaliex, skond hi, zewgha kien habat go fiha apposta u ikkagunalha hsara li kienet tammonta ghal mija u sitta u ghoxrin lira. Carmen Mangion kienet qalet lill-pulizija li zewgha kienipprova jidhol fuqha bil-karozza u ipprova jikkawzalha griehi ta’ natura gravi.

Illi l-pulizija kelmu lil Raymond Mangion li innega li kien habat fil-mara tieghu bil-karozza tieghu apposta. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qalilhom illi dakinhar in kwistjoni huwa saq wara martu peress illi kellu bzonn ikellimha. Hi baqghet issuq u hu baqa’ isuq warajha. F’punt minnhom gew karozza ma karozza u hu ipprova jaghmlilha sinjal biex tieqaf ghaliex ried ikellimha u kien hemm hekk illi saret il-habta. Meta habtu, ma tkellmu xejn. Huwa assuma li kien ser jiltaqa mal-mara d-dar u ikellimha hemm hekk. Huwa cahad illi dakinhar in kwistjoni kien ipprova iwegga lil mara tieghu billi dahal fuqha bil-vettura tieghu u qal illi ma kienx habat maghha

apposta. Inoltre, huwa qal lill-pulizija li kien bi hsiebu isewwi l-vettura misjuqa minnu, kif ukoll dik misjuqa minn martu, li kienet irregistrata fuq ismu, u dan minn butu minghajr ma idahhal l-insurance fin-nofs.

Illi waqt is-seduta tad-29 ta' April, 2004 dehret Carmen Mangion li iddikjarat bil-gurament illi hafret lil zewgha ta' dak li gara u irrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Hija ghazlet illi ma tixhedx peress illi l-proceduri odjerni huma procedura ta' natura kriminali kontra r-ragel taghha stess u ghalhekk il-Qorti ezentata milli tixhed.

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-fatt illi mart l-imputat ma rieditx tixhed f'dawn il-proceduri u kienet hi illi ghamlet ir-rapport lill-pulizija, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-imputat mill-ewwel cahad illi ried jikkaguna hsara volontarja fil-vettura misjuqa minn martu, jew illiipprova jikkawzalha griehi ta' natura gravi, il-Qorti tara illi l-akkuzi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi u ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------